# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI. 2415

**Kaz Nru.3286/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Johan Briffa (ID:527777(M)**

**u**

**Bay Street Holdings Limited (C12058)**
**Bay Street Hotel Complex Limited (C26451)**
**(Dwar tkeccija mill-impieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Johan Briffa li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-27 ta' Awwissu, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-Rikorrenti kien assistit mill-Avukat Abigail Critien u ghas-Socjeta ntimata deher l-Avv. Chris Cilia.**

**Fil-bidu tal-Kaz is-Socjeta ntimata resqet eccezzjoni preliminari permezz ta' l-Avukat Chris Cilia fejn qal, li dan it-Tribunal Industrijali huwa vestit bil-gurisdizzjoni biex jisma kazijiet, fejn impjegat iressaq kaz kontra l-principal tieghu minhabba allegazzjoni ta' tkeccija li tkun ingusta. Huwa jghid ukoll illi, f'relazzjoni ta' impieg ghandek employer u employee jigifieri relazzjoni ta' impjegat u principal. L-avukat Cilia jghid ukoll, li peress li r-relazzjoni ta' impieg hija wahda ta' full-time, mela ghandu jkollok principal wiehed u mhux tnejn. L-avukat Chris Cilia jghid ukoll, li meta wiehed jaqra d-dicitura shiha tar-rikors promotur, ir-rikorrenti ntavola l-kaz tieghu ta' tkeccija ngusta kontra zewg principali meta f'relazzjoni ta' mpieg kif inhu l-kaz inkwestjoni, ir-rikorrenti kellu jintavola l-kaz tieghu kontra principal wiehed. L-avukat Cilia jghid ukoll, li jekk l-impjegat ma jharrikx il-Principal tieghu izda jharrek pluralita ta' entitajiet, dak ifisser li l-procedura li ghazel biex imexxi l-quddiem ir-rikors promotur huwa null u minghajr effett u ghalhekk, is-socjeta qed tghamel talba lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara n-nullita ta' dan il-kaz.**

**Ghan-naha tar-rikorrenti l-Avv. Abigail Critien qalet, li huwa minnhu li dan it-Tribunal Industrijali huwa vestit bil-gurizdizzjoni biex jisma kwistjonijiet bejn impjegat u l-principal tieghu, pero jidher car u dan anke mill-provi li tressqu quddiem dan it-Tribunal Industrijali, li r-rikorrenti ma kienx f'posizzjoni meta gew intavolati dawn ir-rikorsi, illi jkun fic-certezza ma liema kumpanija kien impjegat u dan ghar-raguni, li f'diversi dokumentazzjonijiet li jirrelataw ma' l-impieg tieghu, hemm diversi ismijiet ta' kumpaniji differenti u ghaldaqstant ma kienx**

**f'posizzjoni li jghid b'certezza, ma liema kumpanija kien impjegat u dan specjalment meta mill-MFSA jirrizulta, illi Bay Street ghanda diversi kumpaniji u fil-kaz ta' Bay Street hemm diversi kumpaniji li ghandhom l-ismijiet taghhom vicin xulxien. L-avukat Critien tghid ukoll, li bhala ezempju ta' dan u hija tghamel riferenza ghall-Employment History tal-ETC, li dan huwa dokument ufficcjali fejn hemm indikat li l-impieg tar-rikorrenti kien ma Bay Street Operations Limited. Hija tghamel riferenza wkoll, ghal-letterhead tal-Kumpanija li hija immarkata Dok "A" li hija annessa mar-rikors promotur illi jaghmel referenza ghal Bay Street Holdings Ltd. u isfel tal-letterhead hemm indikat Bay Street Tourist Complex, Management Offices. L-avukat Critien tghamel ukoll riferenza ghal Employment History, fejn it-termination form li suppost juri l-ahhar impieg tar-rikorrenti hemm Bay Street Shopping Complex u ma dan hemm ittra datata 3 ta' Gunju, 2014 li tirreferi ghal Bay Street Holdings Limited. Hija tghid ukoll, li minn dak li rreferit ghalih u min dokumentazzjonijiet li diga gew pprezentanti lit-Tribunal Industrijali jidher car, li hemm konfuzjoni ta' ismijiet da parti tan-naha tas-Socjeta u ghal dik il-konfuzjoni m'ghandux jigi pregudikat il-Kaz tar-rikorrenti.**

**Mill-provi jirrizulta, li d-dokument tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' ETC datat 7 ta' Gunju, 2014 jiddikjara li r-rikorrenti kien jahdem ma BAYSTREET SHOPPING COMPLEX MANAGEMENT OFFICES LEVEL 4 u dokument iehor ta' l-ETC datat 26 ta' Awwissu, 2014 jiddikjara li r-rikorrenti beda l-impieg ma BAYSTREET SHOPPING COMPLEX fl'1 ta' Jannar, 2002 u l-impieg tieghu gie mitmum minn ma BAYSTREET SHOPPING COMPLEX fit-3 ta' Gunju, 2014. Mill-provi jirrizulta wkoll, li**

**r-rikorrenti permezz ta' kuntratt ta' servizz datat 25 ta' Lulju, 2007 inghata promozzjoni minn ma Bay Street Hotel Complex Limited ghal grad ta' Head of Security. Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-socjeta nfurmat lir-rikorrenti bit-terminazzjoni ta' l-impieg permezz ta' ittra datata 3 ta' Gunju, 2014 fejn il-letter head ta' din l-ittra huwa b bay street u isfel tal-letter head jindika l-isem Bay Street Holdings Ltd, Bay Street Tourist Complex, Management Offices. F'din l-ittra ffirmata mic-Chief Executive Officer is-Sur David Debono tghid "taking into consideration that you started working with the company on the 3rd of November, 2000" Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond id-dokument ta' l-ETC datat 26 ta' Gunju, 2014 hemm dikjarat li r-rikorrenti kien impjegat ma BAYSTREET OPERATIONS LTD mis-19 ta' Ottubru, 2000 sal-31 ta' Mejju 2001. Fl'istess dokument hemm indikat ukoll li r-rikorrenti kien impjegat ma Bay Street Holidngs mill 1 ta' Gunju, 2001 sal-31 ta' Dicembru, 2001 u l-istess dokument jiddikjara wkoll, li r-rikorrenti kien impjegat ma BAYSTREET SHOPPING COMPLEX mill-1 ta' Jannar, 2002 sa 3 ta' Gunju 2014. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fuq talba tat-Tribunal Industrijali s-Socjeta ddikjarat li r-rikorrenti kien impjegat ma Bay Street Hotel Complex Ltd u n-numru tar-registrazzjoni tal-Kumpanija huwa C26451.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra t-talba li ghamlet is-socjeta, li peress li r-rikorrenti ghazel li jinzjala l-proceduri tieghu kontra zewg principali huwa kien zbaljat fil-proceduri u ghaldaqstant**

**dan it-Tribunal Industrijali ghandu jiddikjara, li dawn il-proceduri huma nulli u bla effett u ghalhekk dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux ikompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz. Invista ta' din it-talba, dan it-Tribunal Industrijali fil-waqt li jikkunsidra li korrettament il-proceduri ghandhom ikunu nizjati kontra principal wiehed, pero meta dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, id-dokumenti prodotti quddiemu u dawn qed jghatu verzjonijiet differenti ma minn kien impjegat ir-rikorrenti u anke l-istess dokumentazzjoni tas-Socjeta li tterminat l-impieg tar-rikorrenti datata 3 ta' Gunju, 2014 fejn tghid, li hu beda l-impieg fit-3 ta' Novembru, 2000 meta mid-dokumentazzjoni ta' l-ETC hemm dikjarat li beda l-impieg ma BAYSTREET OPERATIONS LTD fis-19 ta' Ottubru, 2000 invista ta' dawn ic-cirkostanzi fejn is-socjeta tghati diversi verzjonijiet ma min kien impjegat ir-rikorrenti, dan it-Tribunal Industrijali jifhem ghall-liema raguni r-rikorrenti nizjala l-proceduri tieghu kontra zewg kumpaniji.**

**Invista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li f'din il-konfuzjoni ta' ismijiet li hafna minnhom johorgu minn dokumentazzjoni tal-Kumpanija jew ta' dokumentazzjonijiet li gew prodotti fuq informazzjoni li tghat il-kumpanija, dan it-Tribunal Industrijali jiddecieidi li m'ghandux jigi pregudikat il-kaz tar-rikorrenti u ghaldaqstant jichad it-Talba tas-Socjeta ghan-nullita ta' dan il-kaz. Dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll li jkompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz, fejn l-Occhio tal-Kaz jigi kontra dik il-Kumpanija kif jirrizulta mill-provi u ghaldaqstant, dan il-kaz ghandu jkun jaqra Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Johan Briffa (ID:**

**527777 (M) vs Bay Street Hotel Complex Limited (C26451) dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

**ft/Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 5 ta' Novembru, 2015**